# Uħud mill-Kappelli li Jinstabu f'San Pawl il-Baħar u l-Madwar

**informazzjoni miġbura minn Matthew Gauci - Membru fil-Kumitat Festa**

Il-poplu Malti minn dejjem kien poplu reliġjuż, xhieda ta' dan huma l-għadd kbir ta' kappelli li jinstabu mifruxin ġewwa gżiritna. F'San Pawl il-Baħar dan mhux b'anqas. Fil-lokalità tagħna nsibu għadd ġmielu ta' kappelli (għalkemm uħud minnhom huma privati). Dawn il-kappelli huma nisġa ta' wirt storiku u reliġjuż. F'dan l-artiklu se nitkellem fuq żewġ kappelli li jinstabu fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Dawn huma l-kappella ta' Sant'Anna u dik ta' San Martin.



## Il-Kappella ta' Sant'Anna

Hekk kif wieħed jaqbeż il-bajja tax-Xemxija u jaqbad dieħel lejn Għajn Tuffieħa fuq il-lemin tiegħu jista' jilmaħ il-kappella ta' Sant'Anna. Din il-kappella nbniet fl- 1672 u ħadet post kappella oħra li kien hemm qabilha. Il-Kwadru titulari f'dik l-epoka kien jirraffigura t-twelid ta' Sidtna Marija Santissima biss dan kien ġie meqrud mis-suldati Franċiżi meta sbarkaw fil-Bajja ta' San Pawl. Is-suldati Franċiżi kien iddesakraw din il-kappella u bdew jużawha bħala biċċerija u kċina. L-unika xhieda viżibbli ta' dawn l-atti ferm koroh huma l-marki tat-tiri li għadhom jidhru fuq il-faċċata ta' din il-kappella.

Xi żmien wara t-tkeċċija tal-Franċiżi minn pajjiżna din il-kappella reġgħet ingħatat il-ġieħ li kien jisthoqqilha billi reġgħet ġiet ikkonsagrata. Apparti minn hekk reġa' sar ukoll kwadru titulari ieħor. Dan il-kwadru huwa xogħol ta' Dun Ġużepp di Stefano u juri lil Sant'Anna tgħallem lil Sidtna Marija flimkien ma' San Ġwakkin li qed iħares lejhom.

Ħdejn il-bieb ta' din il-kappella wieħed jista' jara biċċa rħama b'kitba li tgħid "*non gode immunita ecclesiastica*" dan kien ifisser li jekk persuna li tkun kisret il-liġi tmur fuq l-għatba tal-kappella tikseb b'mod awtomatiku l-kenn mingħand l-awtoritajiet ekkleżjastiċi u l-awtoritajiet ċivili ma kien ikollhom l-ebda jedd fuq din il-persuna sakemm din tibqa' fuq l-għatba tal-kappella. Din l-istess iskrizzjoni tinstab ukoll ħdejn il-bieb tal-kappella ta' San Martin.

Fil-passat f'Lulju kienet issir festa lil din il-qaddisa mill-bdiewa tal-madwar u b'rabta ma' din il-festa kellhom tradizzjoni li jaħslu s-suf tan-nagħaġ li jkunu giżżew. Preżentament il-kappella qiegħda taħt il-kura ta' l-Għaqda ex-Studenti Liċeo. U tinstab fi stat ta' konservazzjoni tajjeb ħafna.



## Il-Kappella ta' San Martin

Din il-kappella tinstab eżattament fuq l-għolja ta' San Martin. Skond l-informazzjoni ta' Achille Ferris fil-ktieb tiegħu "*Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo*" nsibu li din il-kappella hi antika ferm. Fiż-żjara li għamel Monsinjur Duzzina fl-1575 huwa kien stabilixxa lista ta' festi li kellhom jiġu ċċelebrati u fost dawn insibu dik ta' San Martin ta' Tours. Ir-rapport li sar fl-1680 jindika li din il-kappella kienet fi stat tajjeb u li l-festa ta' San Martin flimkien ma' festi liturġiċi oħra kienu jiġu ċċelebrati b'mod regolari. Fl-1995 il-kappella għaddiet taħt idejn il-patrijiet Kapuċċini. Dawn il-patrijiet utilizżaw din il-kappella bħala dar tat-talb. Riċentement il-kappella għaddiet taħt sidieni privati.

Din il-kappella hija mgħammra b'qanpiena li hija msemmija għall-Madonna tal-Karmnu. Fuq din il-qanpiena tinstab raffigurata ix-xbieha ta' Sidtna Marija u l-wiċċ ta' Sidna Ġesù Kristu. Is-saqaf ta' din il-kappella jistrieħ fuq erba' arkati. Din il-kappella fiha artal wieħed. Sfortunatament il-kwadru titulari li kien juri lil San Martin Isqof ħadd ma jaf x'sar minnu. F'din il-kappella nsibu żewġ kwadri oħra wieħed juri lil San Pawl u l-ieħor lil San Martin dawn iż-żewġ kwadri jinstabu mal-ħajt ta' wara l-artal.

Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nieħu spunt u nappella lill-qarrejja kollha sabiex iżuru dawn il-postijiet ta' interess kulturali li hawn imferrxin ġol-lokalità tagħna u sabiex permezz ta' hekk insiru aktar konxji fuq il-wirt li San Pawl il-Baħar hu mogħni bih.